12



# MADONNA TA' PINU

**MADONNA TA' PINU**

perjodiku ta' kull tlett xhur

Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba mhumiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.

Kull korrispondenza għandha tkun indirizzata hekk:

L-Editur,
"Madonna Ta' Pinu"
Ċentru Kulturali Marjan
Ta' Pinu, Għawdex.
Nru. tat-Tel: 556187

**Abbonament għal sena**
Lokali: 75c
Sostenitur: £M1.

Barra minn Malta: £M1.
Sostenitur: £M2.

**INTENZJONI TA' DIN IL-ĦARĠA**

Biex permezz ta' Marija, Ġesù jerġa jitwieled fil-qlub tal-bnedmin u jsib il-post li jixraqlu fis-soċjeta tal-lum.

Gozo Press.

SENA III — Nru. 12

**Ottubru — Diċembru 1982.**


* Il-Kelma tar-Rettur 353
* Mons. Dun Ġużepp Portelli 354
* Messaġġ tal-Papa 358
* Festi Marjani fil-Kalendarju Liturġiku matul iż-Żmenijiet (8) 361
* Il-Maternita' Divina ta' Marija Verġni fid-Dawl tal-Milied 364
* Iċ-Ċentinarju tal-Madonna ta' Pinu u l-Kungress Marjoloġiku Marjan 366
* A Christmas Carol 368
* Following Mary's example to live always in intimacy with Christ 370
* Marija fil-Ħajja ta' San Franġisk 373
* Il-Madonna fil-Ħajja ta' S. Tereza 376
* Kronaka tas-Santwarju 379
* Grazzi Madonna għax smajtni 381
* Marija fil-Ħajja Tiegħi (2) 383
* Hail Mary 384


**STAMPA TAL-QOXRA:**

L-Istampa tal-qoxra turi l-Kwadru Mirakuluż li minnu l-Madonna ta' Pinu kellmet littwajba Karmela Grima fit-22 ta' Ġunju, 1883. Dan il-kwadru, xogħol il-pittur Amadeo Perugino, tpitter fis-sena 1619. Din ix-xbieha tal-Madonna ġiet inkurunata mill-Kardinal Alessio Lepicier fil-1935.

# Il-Kelma tar-Rettur

*Sa mill-bidu tal-ħolqien, il-bniedem kien iħoss li għandu jerfa' l-ħsieb tiegħu lejn Alla biex ifaħħru, iroddlu ħajr u jitolbu dak li jkun jixtieq. Dan nistgħu narawh mis-sagrifiċċji li kienu joffru wlied Adam u Eva, Kajin u Abel. Il-Kotba Mqaddsa tar-Rabta l-Qadima juruna kif dawn l-atti komplew jiżviluppaw irwieħhom mal-mixja taż-żmien.*

*Wara l-miġja ta' Sidna Ġesù kompla jieħu diversi forom skond l-istat u l-kultura ta' dawk li jagħmluh. U aktar ma jkun kbir il-grazzji li wieħed ikun irid igħid lill-Mulej, aktar ma tkun kbira l-grazzja li wieħed ikun irid jaqla', aktar ma tkun gravi d-diżgrazzja li wieħed ikun irid jevita, aktar ikun intensiv u mill-qalb it-talb li jagħmel.*

*Fost talb ieħor, l-aktar talba popolari, li jista' jagħmilha u kullimkien, irrikkmandata bil-qawwa minn diversi Papiet u mitluba mill-istess Ommna Marija, f'ħafna mid-Dehriet tagħha, hija r-Rużarju. Ir-Rużarju huwa ripetizzjoni ta' talb lill-Missier Ħallieq u Sid ta' kollox u lil Marija Omm Ibnu, Ommna u Omm il-Knisja u għalhekk meta ngħiduh bil-qalb ma jistax ikun li ma niġux mismugħa. Ġesù stess għallimna u stedinna biex nitolbu u nerġgħu nitolbu biex naqilgħu, għaliex jekk bniedem ħażin jisma' t-talb ta' min jitolbu b'insistenza, aktar u aktar jismagħna l-Mulej li jħobbna, jista' u jrid jagħtina. U f'dan jikkonsisti r-Rużarju.*

*Ix-xahar ta' Ottubru, xahar iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju, din is-sena huwa xahar speċjali għalina l-Maltin kollha u wisq aktar għal dawk li jħobbu lill-Madonna, għaliex f'dan ix-xahar tibda Sena Marjana li tfakkar id-Dehra tal-Madonna lil Karmni Grima fil-kappella ċkejkna Ta' Pinu 100 sena ilu u li qegħda tiftaħ b'Missjoni Djoċesana bi tħejjija għall-Kungress Internazzjonali Marjoloġiku-Marjan lli sejjer jinżamm fil-Gżejjer tagħna għall-istess okkażjoni. Dan huwa avveniment kbir u mpenjattiv li biex jirnexxi jeħtieġ għajnuna u barka speċjali. tal-Mulej, għaliex id-demonju li jobgħod lilna bħalma jobgħod lill-Verġni Mqaddsa, ma jonqosx li jagħmel ħiltu u juża kull mezz biex jisfratta jew ta' l-anqas inaqqas il-prestiġju ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. Aħna nixtiequ li dawn il-festi jkunu ta' l-akbar suċċess għall-ġid ta' kull ċittadin Malti, fi kwalunkwe stat jew età li għandu.*

*Għalhekk jaqbel li nimpenjaw irwieħna mhux biss fix-xahar ta' Ottubru, imma matul din is-Sena Marjana kollha ma nonqsux li nitolbu r-Rużarju u nitolbuh bil-qalb u l-attenzjoni ħalli l-Mulej jagħti lill-Poplu Malti kollu l-grazzja ta' rikonċiljazzjoni miegħu u ma' għajru.*

Mill-E.T. MONS. NIKOL Ġ. CAUCHI, ISQOF T'GĦAWDEX

# MONS. DUN GUZEPP PORTELLI

Semmejna kemm il-darba lir-Rettur tal-Knisja Ta' Pinu, Dun Ġużepp Portelli. Però jixraq li nagħtu iktar dettalji dwar ħajtu peress li kien hu l-bniedem li iżjed minn kulħadd, għal tnejn u tletin (32) sena ħadem u stinka sabiex is-santwarju tal-Madonna minn kappella żgħira jinbidel f' tempju l-iżjed maestuż. (59)

Dun Ġużepp twieled l-Għarb, fit-8 ta' Diċembru 1880 minn Wiġi Portelli u Marianna Cauchi. Ġie mgħammed fl-istess jum fil-Knisja tal-Għarb mill-Arċipriet Franġisku Saverju Debrincat u kellu bħala parrinijiet lil Ġużepp u Karmela, wlied il-mejjet Tumas Grima. (60) Fi kliem ieħor, Karmni Grima, li semgħet il-leħen tal-Madonna Ta' Pinu, kienet il-parrina fil-magħmudija ta' dan it-tifel, li kellu jkun iktar tard ir-rettur ta' dik il-knisja u jwettaq il-proġetti kbar tagħha.

Il-familja ta' Dun Ġużepp kienet familja mbierka minn Alla għaliex minnha ħarġu ħames saċerdoti. Barra minn Dun Ġużepp, kien hemm ukoll Dun Salv li sar l-ewwel kappillan ta' San Lawrenz, Dun Karm li laħaq Arċipriet ta' l-Għarb, Dun Piju u Dun Grezz.

Dun Ġużepp li sa minn kmieni semgħa s-sejħa t'Alla u qabad it-triq tas-saċerdozju, studja fis-Seminarju t'Għawdex li f'dak iż-żmien kien immexxi mill-Patrijiet Ġiżwiti. Matul is-snin tal-formazzjoni saċerdotali, s-superjuri tiegħu u sħabu kienu jammirawh għall-intelliġenza, għall-għaqal u għall-ħajja spiritwali tiegħu. Ġie ordnat fil-21 ta' Diċembru 1907, fil-Katidral mill-Isqof Mons. Ġiovanni Marija Camilleri. (61)

Bħala saċerdot żagħżugħ, huwa wettaq il-ministeru pastorali tiegħu fil-parroċċa ta' San Lawrenz, li kellha bħala ragħaj tagħha lil ħuh il-kbir, Dun Salv Portelli.

Meta l-Ġiżwiti telqu mis-Seminarju, t'Għawdex biex jiftħu kolleġġ ieħor f'Malta, Dun Ġużepp Portelli, li kien ukoll għalliem f'din l-iskola, ġie

msejjaħ minn Mons. Camlleri sabiex ikun wieħed mis-superjuri l-ġodda li ħatar. Dun Ġużepp kien viċi-rettur tas-Seminarju, fl-istess epoka li fiha Dun Alfonz Hili kien rettur u Dun Ġużepp Farrugia Prefett ta' l-Istudji. F'kollaborazzjoni magħhom, huwa ddedika l-aħjar enerġiji tiegħu sabiex l-istudenti tas-Seminarju, Minuri, esterni u interni, kif ukoll dawk tas-Seminarju Maġġuri, jgħaddu l-quddiem fit-tagħlim u fit-tjieba. Kellu wkoll il-kariga ta' eżaminatur prosinodali tal-qassisin u tas-seminaristi.

Peress li kien predikatur magħruf, ġie msejjaħ f'bosta knejjes ta' Malta u Għawdex sabiex jgħati paniġeriċi u korsijiet ta' eżerċizzi. Darba minnhom sejħulhu wkoll biex jippritka lil Maltin ta' Tripli, matul ir-Randan. Għal ħafna snin, kien membru tal-opra li torganizza ta' kull sena l-Missjoni lil poplu f'xi waħda mill-parroċċi f'Għawdex.



Waħda mill-ħidmiet li għaliha ta' ħafna żmien minn ħajtu, kienet dik li jamministra s-sagrament tal-Qrar lil dawk kollha li kienu jitolbuh. Kien ukoll konfessur tas-Sorijiet Franġiskani u Dumnikani tar-Rabat, Għawdex.

Nhar ta' Sibt, fil-għaxija, Dun Ġużepp kien imur bil-mixi minn ta' Pinu sa l-Għarb u kien jorqod fid-dar ta' ħuħ Dun Karm Portelli, Arċipriet ta' dik il-parroċċa. Il-Ħadd, fil-għodu kien iqum kmieni sabiex iqaddes u jagħmel l-omelija f'waħda mill-ewwel quddisiet. Dun Ġużepp kellu għal qalbu dan ix-xogħol pastorali, tant li meta kien imut jew jitlaq xi kappillan, kien jiġi msejjaħ mill-Isqof, sabiex irieġi l-parroċċa vaganti sakemm jinħatar kappillan ieħor. Huwa kien għal tliet darbiet vigarju ekonomu fil-parroċċa tal-Għasri, kif ukoll darba oħra n-Nadur, il-Qala, Sannat u l-Fontana.

Fl-1933, fis-snin li kienu qed jinfetħu d-diversi ċirkoli tal-Azzjoni Kattolika f'Għawdex, Dun Ġużepp ġie maħtur Assistent Ekkleżjastiku taċ-Ċirkolu tal-Għarb. Il-lezzjonijiet u l-irtiri li kien jagħti lil membri tal-Azzjoni Kattolika kienu apprezzati ħafna.

Dun Ġużepp kien bniedem imżejjen b'ħafna talenti u għad li kien mgħobbi bix-xogħol pastorali u bil-ħsieb tal-amministrazzjoni tal-Knisja ta' Pinu, kien isib żmien biex jikteb drammi u skteches għall-palk, kif ukill xi bċejjeċ tal-mużika.

L-Isqof Mons Mikiel Gonzi li għaraf wisq tajjeb il-kwalitajiet sbieħ u l-merti ta' Dun Ġużepp u fis-sena, 1943 u bħala sinjal ta' rikonoxxenza ħatru Monsinjur Onorarju tal-Kattidral t'Għawdex.

Monsinjur Portelli temm il-ħajja tiegħu f'din id-dinja, fis-7 ta' Marzu 1949 fl-Isptar tal-Belt Vittorja, fejn miet (62) wara marda qasira ta' seba tijiem li huwa ġarrab bl-ikbar rassenjazzjoni. Il-funeral tiegħu, li għalih attendiet folla kbira ta' nies, sar fil-Bażilika Ta' Pinu u għamillu l-orazzjoni funebri, il-Patri Accursio Xerri O.F.M. Ġie midfun fiċ-ċimiterju tal-Għarb, fil-kappella fejn kienu jindifnu s-saċerdoti.

Fost ix-xogħlijiet li twettqu fis-Santwarju Ta' Pinu, dment li kien rettur Mons. Ġużeppi Portelli, barra mill-bini tat-tempju nnifsu, ta min isemmi parti mill-iskultura tas-saqaf tal-knisja, l-istatwa tal-Assunta fuq il-bieb tal-Kappella, l-istatwi tal-Appostli fin-niċeċ, u xogħol tar-rħam bħal ma huwa l-pulptu.

---

REFERENZI


59. "Għawdex n. 99 (13 ta' Marzu, 1949) p. 3.
60. Liber Baptizatorum tal-Parroċċa tal-Għarb, n. 4, paġ. 368.
61. Reġistru tal-Ordinazzjonijiet: 21 ta' Diċembru, 1907.
62. Liber Mortuorum tal-parroċċa tal-Għarb, vol. 7, paġ. 91.



IL-BORD EDITORJALI
TAR-RIVISTA
"MADONNA TA' PINU"
JIXTIEQ
MILIED HIENI
U SENA ĠDIDA MIMLIJA RISQ
LILL-QARREJJA KOLLHA
U LILL-BENEFATTURI
TAS-SANTWARJU TA' PINU.

# MESSAGG TAL-PAPA

## FL-OKKAZJONI TAL-FTUH TAL-MISSJONI DJOCESANA MARJANA

## 1 TA' OTTUBRU 1982



**L-E.T. Mons. Isqof N. Cauchi, jaqra l-Messaġġ tal-Papa fil-Katidral.**

Lil ħuti għeżież u miqjuma
Ġużeppi Mercieca
Arċisqof ta" Malta
u
Nikol J. Cauchi
Isqof ta' Għawde'x

Waqt li l-Knisja ta' Malta qiegħda thejji ruħha għall-*ħidma ta' sena sħiħa* li trid tilħaq il-qofol tagħha fid-IX Kungress Marjoloġiku Internazzjonali, hija ħaġa ta' ferħ għalija niktbilkom din l-ittra u, permezz tagħkom, nibgħat it-tislijiet tiegħi lill-maħbub poplu kollu ta' Malta. Ma' l-Appostlu San Pietru ngħid lilkom ilkoll: "Is-sliem lilkom ilkoll li intom fi Kristu" (1 Piet 5, 14).

Kien ta' pjaċir kbir għalija nsir naf li fl-1 ta' Ottubru li ġej, intom se tagħtu bidu f'Malta kollha għall-*Missjoni Djoċesana* bl-għan li jseħħ *tiġdid spiritwali tal-poplu Malti kollu.* Bħala Ragħaj tal-Knisja universali ta' Kristu għandi pjaċir nissieħeb magħkom, intom l-Isqfijiet tal-post, f'din is-sejħa solenni lill-Poplu ta' Alla għall-qdusija akbar ta' ħajja.

F'dan il-mument f'waqtu, f'dan iż-żmien tajjeb, jalla jinstema' ma' pajjiżkom kollu dan il-kliem ta' San Pawl: "Għandkom tiġġeddu b'tibdila spiritwali tal-fehma tagħkom u tilbsu l-bniedem il-ġdid maħluq skond Alla fil-ġustizzja u l-qdusija ġejja mill-verità". (Ef 4, 23-24).

Is-sejħa għat-tiġdid spiritwali, minnha nnifisha, hi *stedina għat-talb*. U għalhekk il-poplu Malti hu mistieden jiftaħ qalbu ma' Alla, idawwar ħsibijietu lejn Ibnu Sidna Ġesù Kristu u Salvatur tagħna, u jitlob lill-Ispirtu s-Santu jaħdem fih għas-safa tal-ħajja ta' kulħadd. Hu permezz tat-talb — tat-talb privat u tat-talb liturġiku — li l-membri kollha tal-komunità jiksbu l-qawwa meħtieġa ħa jgħixu ħajja tassew nisranija.

Permezz tat-talb huma jaraw sewwa li s-sejħa għat-tiġdid tfisser *sejħa għall-fedeltà lejn Kristu* kif għadu jgħix fix-xirka tal-Knisja tiegħu. Din ix-xirka hi xirka ta' fidi waħda — xirka ta' verità u ta' ħajja, ta' qdusija u ta' grazzja, ta' ġustizzja, imħabba u sliem. Hi xirka li titlob mill-membri tagħha rispett għal xulxin, għajnuna lil xulxin bħal aħwa, u ubbidjenza kollha mħabba għar-ragħajja tal-merħla. Il-Knisja hi xirka universali li fiha s-saċerdoti, ir-reliġjużi u l-lajċi jgħixu s-sejħa tagħhom u jgħinu 'l xulxin fil-missjoni ta' Kristu għas-salvazzjoni tad-dinja, billi jaħdmu flimkien, f'għaqda sħiħa ma' l-Isqfijiet u mas-suċċessur ta' San Pietru. F'din il-ħidma ekkleżjali flimkien u b'għajnuna għal xulxin insibu l-assigurazzjoni ta' fedeltà lejn Kristu u l-garanzija ta' kontribut effettiv għas-Saltna ta' Alla.

Is-sejħa għat-tiġdid hi wkoll *sejħa għall-konsistenza*, sejħa għall-qbil bejn il-fidi u l-ħajja nisranija. Komunità ta' fidi u ta' talb, bl-imġiba tagħha, trid tagħti xhieda ta' dak li tħaddan u tistqarr. Il-fidi tal-Knisja trid tidher fil-ħajja privata u pubblika tal-membri tagħha. Dan il-qbil bejn fidi u ħajja jrid jidher permezz ta' xhieda nisranija dejjem aktar ċara u dejjem aktar ħajja fl-oqsma kollha u fil-ħidmiet kollha li fihom l-insara jsibu ruħhom. L-isfida nisranija — is-sejħa għal din il-konsistenza — titlob għażliet deċisivi u sagrifiċċji minn kulħadd; tistenna tweġiba kemm minn dawk li jinsabu f'qagħda umli u kemm minn dawk li għandhom responsabiltajiet għoljin. Għal kull kategorija ta' nies, it-twemmin nisrani għandu l-istess ħtiġijet: tħaddan 'il Kristu bil-fidi u tapplika t-tagħlim tiegħu għal kull sitwazzjoni konkreta tal-ħajja.

Barra dan, l-esperjenza ta' mijiet ta' snin ta' ħajja nisranija f'fedeltà lejn Kristu u l-Knisja tiegħu, minflok ma tnaqqas xejn mil-lejaltà li wieħed għandu jkollu lejn pajjiżu, hi kontribut mill-aqwa għall-ġid tal-komunità kollha. Kristu stess għallimna: "Agħtu lil Ċesri dak li hu ta' Ċesri, u lil Alla dak li hu ta' Alla". (Mt 22, 21)

F'dan iż-żmien tassew importanti, l-insara kolllha, magħqudin flimkien għal għan wieħed, għandhom jieħdu bis-serjetà r-responsabbiltà tagħhom li jġibu 'l quddiem *il-wirt Malti tal-valuri nsara* li jgħaqqad flimkien u jagħti dehra vera lin-nazzjon Maltija u lill-poplu tagħha.

Biex inġibu 'l quddiem dawn il-valuri nsara li huma għall-qadi tal-ġid komuni tan-nazzjon kollha, il-Kattoliċi għandhom igħinu dawk l-istituzzjonijiet edukattivi, karitattivi u soċjali li b'tant ġenerożità qegħda tmexxi l-Knisja.

It-tiġdid spiritwali jitlob ukoll sforzi oħra għar-*rikonċiljazzjoni* biex tinkiseb l-għaqda nazzjonali, li hi ħaġa għażiża ħafna — l-għaqda bejn l-aħwa fil-libertà, il-ġustizzja u l-imħabba. It-tiġdid u r-rikonċiljazzjoni jfissru żmien ġdid fejn flok firda jkun hemm ftehim, u l-ġlied jintemm bil-qawwa tar-rispett għal xulxin bħal aħwa u ta' l-imħabba nisranija. Dan iż-żmien ġdid ikun ukoll żmien f'waqtu għall-ġid sew materjali u sew spiritwali ta' kull raġel, ta' kull mara, u ta' kull tifel u tifla f'Malta.

Fl-isforzi kollha tagħhom għat-tiġdid spiritwali u għall-bini ta' l-istrutturi reliġjużi u morali tan-nazzjon tagħkom, intom tagħmlu sewwa tafdaw *fl-interċessjoni ta' Marija*, Omm Alla: id-destin tal-poplu tagħkom hu taħt il-ħarsien tagħha u hi tgħinu jegħleb id-diffikultajiet kollha tiegħu u jasal għat-tielet elf sena bl-identità kulturali nisranija tiegħu.

Għal dan il-għan, hi tama tiegħi li ċ-ċelebrazzjonijiet marjani li għad iridu jsiru u din is-sena ta' tiġdid spiritwali jitqiesu bħala ġrajja ekkleżjali li, fost ħwejjeġ oħra, iġġib għaqda dejjem akbar ta' fidi u ta' mħabba bejn l-ulied kollha ta' Malta, li, kollha kburija, tqis ruħha bħala l-gżira ta' San Pawl. U jalla dan ikun hekk, taħt il-ħarsien ta' Marija: taħt il-ħarsien kollu mħabba tagħha ta' omm bil-fiduċja kollha, jiena nafda n-nies kollha ta' Malta

Permezz tagħkom, ħuti miqjuma, nibgħat il-barka apostolika speċjali tiegħi lill-insara kollha bil-kliem, li jqawwi l-qalb, tal-Appostlu tagħkom San Pawl: "L-imħabba tiegħi magħkom ilkoll fi Kristu Ġesù" (1 Kor 16, 23).

Mill-Vatikan, 29 ta' Settembru, 1982. IONNES PAULUS PP II.



*Konċelebrazzjoni fil-Katidral fl-okkażjoni tal-Ftuħ tal-Missjoni Djoċesana Marjana*

# FESTI MARJANI FIL-KALENDARJU LITURGIKU MATUL IZ-ZMENIJIET (8)

Mill-KAN. PREP. DUN SALV CAMILLERI

## IT-TLUGH FIS-SEMA TAL-MADONNA



Fil-bidu, din il-festa kienet imsejħa "Mogħdija tal-Verġni Marija" minn din id-dinja għas-sema, bla ma kien jissemma t-tlugħ tagħha bil-ġisem ukoll għall-istess glorja. Xi drabi kienet tissejjaħ "Twelid għas-sema ta' Santa Marija", Raqda jew Waqfien miil-ħajja jew Difna tal-Verġni Marija. Bdiet issir f'Ġerusalem fis-seklu ħamsa fil-15 ta' Awissu. Fis-sena 455 Chrysippus, qassis ta' Ġerusalem kien għamel priedka dwarha. Kienet issir fi Knisja tal-Madonna ġo Kathisma fit-triq bejn Betlem u Ġerusalemm. Fil-Lvant fis-seklu 6 ħafna kienu bdew jiċċelebraw din il-festa: hekk San Theodosju, superjur tal-patrijiet fil-Palestina, fil-kitbiet tiegħu juri li fi żmienu din il-festa kienet tiġi ċċelebrata b'solennità u għaliha kienu jmorru ħafna nies. L-imperatur Mawrizju ordna li din il-festa tiġi ċċelebrata fl-imperu kollu tiegħu. Fi Franza, fis-seklu sebgħa, din il-festa kienet tiġi ċċelebrata fit-18 ta' Jannar bl-isem "Il-Festa ta' Santa Marija" u fil-Missal Gotiku kienet magħrufa b'quddiesa: Fit-Tlugħ fis-sema ta' Marija, Omm il-Mulej tagħna. Din il-quddiesa kienet tinsab ukoll fil-Missal tal-Liturġija Mozarabika. Dawn il-knejjes ifaħħru lil Marija li bi privileġġ waħdieni għall-merti ta' Ġesù Salvatur u Feddej, ġiet meħuda fis-sema u ġisimha ma tħassarx bil-mewt. Dak li ġabet fid-dinja (Ġesù) wara t-tbatija tagħha laqagħha bil-ferħ fis-sema.

Fil-punent din il-festa nsibuha fir-renju Wisgotiku fis-seklu sebgħa. Kienet issir ukoll fil-15 ta' Awissu. Il-Verġni Mqaddsa hija mxebbha ma' Enock u Elija li bil-ġisem qegħdin igħixu fis-sema; iżda l-Verġni Marija hija fi glorja ikbar u magħquda aktar ma' Alla.

F'Ruma, il-Papa Serġju xandar din il-festa u daħlet fil-Liturġija bejn is-snin 687 u 701. Fil-liturġija Gregorjana ta' żmien il-Papa Adrijanu I (772-795) insibu din il-festa fil-15 ta' Awissu u t-talbiet tagħha, jiġifieri l-Kolletta, it-talba ta' fuq l-offerti u ta' wara t-tqarbin kien għadhom jingħadu sal-1950 fil-Missal Ruman. Anke l-Vanġelu li kien jinqara fl-istess festa, mis-seklu 7 sal-1950, kien dejjem l-istess wieħed i.e. dak ta' Marta u Marija. (Lq Kap 10, 38-42).

Sa mis-seklu 10, fil-Ġermanja f'din il-festa, qabel il-quddiesa kantata, il-qassis quddiem l-artal, wiċċu lejn in-nies, kien ibierek il-ħxejjex u l-frott billi jgħid is-salm 64 u wara jgħid tliet talbiet u jroxx l-ilma mbierek. Dawn kienu jitbierku bħala mediċina u bħal duwa għall-morda u biex il-bnedmin u l-annimali permezz tagħhom jiġu mħarsin mit-tnassis tax-xitan għall-merti tal-Verġni Mqaddsa Marija mtellgħa s-sema u ta' Binha Ġesù Sidna. Ġie magħżul dan il-jum għaliex ħafna pjanti u ħxejjex fil-Ġermanja jissejħu bl-isem ta' Marija u xi ward u ġilji huma xebh tagħha. Il-Verġni Marija fil-Liturġija hija msejħa: warda tal-għelieqi u ġilju tal-widien" (Kantiċi Kap 1 1). Fil-pajjiżi tat-Tramuntana jsir il-ħsad fix-xhur ta' Lulju u Awissu, meta jilħqu wkoll ward u ħxejjex tal-ġonna u tal-għelieqi. Għalhekk bdiet issir din il-barka f'dan il-jum. F'xi bnadi kienet issir ukoll l-purċissjoni, jitkantaw sitt responsorji u jingħadu ħames talbiet fejn din il-barka kienet issir solenni.

Il-Q.T. il-Papa Pawlu VI, fl-eżortazzjoni apostolika tiegħu, bid-data tat-2 ta' Frar, 1974, u maħruġa fit-23 ta' Marzu ta' l-istess sena, qal: "Is-Solennità tal-15 ta' Awissu tfakkarna fit-Tlugħ glorjuż ta' Marija fis-Sema. Hija festa tax-xorti, tal-milja, tal-barka, tal-kobor tar-ruħ bla tebgħa tagħha kif ukoll tal-ġisem verġni tagħha u tal-figura perfetta tagħha ma' Kristu Rxoxt. Hija festa li tpoġġi quddiem għajnejn il-Knisja u l-bnedmin kollha x-xbieha u l-prova ta' faraġ li għadd isseħħ it-tama tagħhom sa l-aħħar, jiġifieri li din il-glorja sħiħa hija wkoll ix-xorti ta' dawk kollha li Kristu għamel ħutu billi ħa "il-ġisem u d-demm bħalhom". (Lhud 2, 14; ara Gal. 4, 4).

Fil-quddiesa ta' lejlet il-festa tal-Assunta, il-Knisja tgħid din it-talba: "O Alla, int xħett għajnejk fuq iċ-ċokon tal-Verġni Mqaddsa Marija, ħabbartha billi tajtha l-grazzja li ssir Omm Ibnek il-waħdieni magħmul bniedem, u llum għollejtha fi glorja tassew ta' l-għaġeb: agħtina l-għajnuna tat-talb tagħha, biex kif int salvajtna bil-misteru tal-fidwa, hekk ukoll tgħollina fil-glorja tas-sema. Bi Kristu Sidna. Amen".

Nhar il-festa tgħid din it-talba: "O Alla ta' dejjem li tista' kollox, int tellajt fil-glorja tas-sema bir-ruħ u l-ġisem, lill-verġni bla tebgħa Marija, Omm Ibnek: agħmel li ħsibijietna jkunu dejjem fil-ħwejjeġ tas-sema biex jistħoqqilna sehem magħha fil-glorja li tajtha. Bi Kristu Sidna. Amen".

Tagħrif ieħor dwar il-festa tat-Tlugħ fis-sema ta' Marija.

Il-vġili ta' Santa Marija diġà kellha l-quddiesa sa mis-seklu 7, iżda xejn ma kellha dwar l-Assunzjoni. Fis-seklu 8, imbagħad, fit-talba fuq l-offerti, beda jidher il-ħsieb tat-Tlugħ tagħha fis-sema, biex il-Mulej jeħles lil Marija minn din id-dinja ħażina u biex tidħol għalina midinbin quddiemu. Fit-talba ta' wara t-tqarbin kien jissemma "il-mistrien" tal-Imqaddsa Marija Omm Alla. Minn dak in-nhar sal-lum, il-festa ta' l-Assunzjoni kullimkien bdiet tiġi ċċelebrata bil-vġili. Din il-vġili, mill-1961 saret vġili ta' sekonda klassi. Fl-1964, il-quddiesa ta' lejlet dil-festa wara nofs in-nhar, kemm qabel l-Għasar u kemm wara, bdiet issir dik tal-Vġili kif għadha

ssir sal-lum. Is-sawm li kien isir f'din il-vġili, b'digriet tal-Kongregazzjoni tal-Konċilju tal-25 ta' Lulju, 1957, tneħħa u tpoġġa fis-7 ta' Diċembru, lejlet il-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni; iżda dan illum tneħħa wkoll bil-kostituzzjoni apostolika tal-Papa Pawlu VI tas-17 ta' Frar 1966: "Poenitemini". Din il-festa kellha wkoll l-ottava li bdiet tiġi ċelebrata minn żmien il-Papa Ljun IV (847-855). Il-Papa Nikola I, fis-sena 866, kien qal li din l-ottava hija kbira daqs dik ta' Għid il-Ħamsin u tal-Milied. Din tneħħiet fl-1955.

Din il-festa kibret fil-ġieħ u glorja tagħha mill-1950 meta l-Papa Piju XII xandar il-fidi tal-Knisja Universali fit-Tlugħ fis-Sema ta' Marija bir-ruħ u bil-ġisem u ddikjara din il-verità bħala domma tal-fidi li kull nisrani għandu jistqarr u jħaddan. Biex din il-verità tal-fidi mxandra mill-Papa Piju XII tiġi aktar imfissra mil-Liturġija mqaddsa, l-istess Papa ordna li jinkitbu quddiesa u uffizzju ġodda. Il-quddiesa nkitbet kollha ġdida barra mill-vers tal-Hallelujah li jgħid hekk: "Marija ġiet imtellgħa fis-sema, jifirħu l-qtajja ta' l-anġli". Din il-quddiesa baqgħet l-istess wara l-Konċilju Vatikan II, iżda saret quddiesa ġdida għall-Vġili. Diversi partijiet tal-Uffiċċju Divin ġew mibdulin ukoll, u fost il-lezzjonijiet ġodda bdiet tinqara silta mill-Kostituzzjoni Apostolika "Munificentissimus Deus" li kien xandar il-Papa Piju XII f'din l-okkażjoni. Din baqgħet tingħad ukoll anke wara l-Konċilju Vatikan II li kien qassar ħafna l-Uffizzju ta' din il-festa. Anke l-innijiet tal-Għasar, Uffiċċju tal-Qari u t-Talba ta' Sbiħ il-Jum u t-Talba tal-festa baqgħu jingħadu sal-lum.

L-Immakulata Verġni, meħlusa minn kull tebgħa ta' dnub oriġinali, mietet, ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem, u minn Alla mgħollija għal reġina tad-dinja kollha.

*(Lumen Gentium, 59).*

Il-Fidi Kristjana tal-Lvant u tal-Punent minn dejjem kellhom fidi ħajja li Alla gglorifika lil Marija xħin mietet. Dan it-twemmin sar domma tal-fidi mill-Papa Piju XII fl-1950.

*(G. Maloney).*

It-tlugħ ta' Marija bir-ruħ u l-ġisem fis-sema jixhed li ġisimna hu salvat u jistħoqqlu joqgħod ħdejn Alla.

*(M.A. Enard).*

# IL-MATERNITA' DIVINA TA' MARIJA VERĠNI FID-DAWL TAL-MILIED

(P. Bonaventura M. Camilleri, O.F.M. Conv.)

Marija Verġni, x-Xebba ta' Nazaret, l-Għarusa ta' Ġużeppi, il-Mara ta' Ġużeppi, bin David, hija Omm Alla, għax hija l-Omm naturali ta' Ġesù Kristu, li hu l-Iben naturali ta' Alla. Marija hija dik il-Mara li lil-Iben ta' Alla, il-Verb Etern, għamlitu bniedem, veru bniedem, bniedem bħalna, jixbaħna f'kollox barra mid-dnub (1). Hija li nisslitu u wilditu u rabbietu u kabbritu u għamlitu raġel magħmul, kapaċi jitla' l-Kalvarju.

**Marija u l-Milied:**

Ma nistgħux nifirdu l-Milied minn Marija; huma intimament magħqudin flimkien. Il-presenza ta' Marija fil-misteru tal-Milied mhix presenza **aċċidentali, okkażjonali, dekorattiva;** mhix qegħda biex issebbaħ ambjent, ix-xena tal-Milied; imma hija presenza kostituttiva, essenzjali, meħtieġa; għax mingħajr Marija ma kienx ikollna Milied, kif mingħajr l-omm m'għandniex it-tarbija.

Għax x'inhu l-Milied? Il-Milied mhux biss li l-Iben ta' Alla sar bniedem, imma li l-Iben t'Alla sar bniedem f'Marija u minn Marija. L-Iben ta' Alla, biex setgħa jsir bniedem bħalna, ried ikollu Omm; ried ikun nisel il-Mara, bħalma nsibu fl-ewwel u fl-aqwa profezija, meta fl-Eden Alla kien hedded lid-demonju u qallu: **"Jiena sejjer inqajjem mibgħeda sħiħa bejnek u bejn il-Mara, bejn in-nisel tiegħek u n-nisel tagħha. U Hu (dan in-nisel Tagħha) jisħaqlek rasek"** (2). Dan l-Iben ta' Alla tant ried isir veru bniedem permezz ta' Marija, li ried ikun il-frott ta' ġufHa, bħalma divinament stqarret Eliżabetta meta sellmet lil Marija u qaltilHa: **"Imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott ta' ġufek"** (3).

**L-Aqwa Sinjal:**

Marija hija l-isbaħ prova u l-aqwa sinjal li Ġesù huwa veru bniedem: **għax huwa BinHa.** Meta r-ragħajja ta' Betlem, fil-lejl ta' l-ewwel Milied, marru fil-Grotta, sabu mhux biss dak li kien ħabbrilhom l-anġlu ta' Alla:: **,'tarbija mfisqija, mimduda f'maxtura" (4);** imma sabu wkoll fil-Grotta Omm din it-Tarbija, kif ikompli jgħidilna San Luqa: **"u marru jgħaġġlu, u sabu 'l Marija u 'l Ġużeppi, u t-tarbija mimduda f'maxtura"** (5). Kieku dawk ir-ragħajja, meta daħlu fil-Grotta, sabu biss lit-Tarbija, u mhux ukoll lil Marija, x' kienu jaħsbu u jgħidu? Kienu jaħsbu li din it-Tarbija niżlet direttament mis-Sema, bħala kreatura ċelesti taħt sura umana. Imma, għax huma raw ħdejn it-Tarbija lil Marija, intebħu li din it-Tarbija hija kreatura umana, hija veru bniedem, laħamha u demmha huma l-laħam u d-demm ta' Marija, OmmHa; intebħu li kienet Marija li fisqet din it-Tarbija u medditHa fil-maxtura, għax hija OmmHa. Tassew, hija Marija, li bil-Maternita' Tagħha, l-ewwel waħda li tħabbar u turi l-Umanita' ta' Ġesù, BinHa!

**Qdusija Speċjali:**

Din il-Maternita' divina titlob f' Marija qdusija speċjali; titlob li jkollHa l-qdusija ta' Alla stess. Forsi mhux dan li ried igħid l-arkanġlu Gabrijiel meta deher lil Marija u



qallHa: **"Is-sliem għalik, il-mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek imbierka inti fost in-nisa"** (6) Mhux għalhekk ukoll Hija kellha titnissel bla tebgħa ta' dnub, Immakulata? Għax tassew, kemm Alla l-Missier u kemm Marija, l-Omm, għandhom l-istess Iben: Ġesù Kristu. Tat-Tnejn Ġesù huwa l-Iben naturali: tal-Missier sa minn dejjem, u ta' l-Omm fil-milja taż-żmien. Jinkwadraha tajjeb San Pawl din il-verità sublimi fl-Ittra tiegħu lil Galatin: **"Meta waslet il-milja taż-żmien, bagħat Alla 'Ibnu, li sar minn mara, imwieled taħt il-liġi, biex jifdi 'l dawk li kienu taħt il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied"** (7). Ġesù, kull ma għandu bħala Alla, irċevih minn għand il-Missier: dan li ried igħid Ġesù m'ta qal: **"Jiena ħaj b'Missieri"** (8). U kull ma għandu Ġesù bħala bniedem irċivih minn għand Ommu Marija; Hi tatu l-forma Tagħha, in-natura u n-natural Tagħha, l-istil u l-karattru Tagħha; tatu sbuħitha u ħlewwitha.

**Marija: l-Omm Spiritwali Tagħna:**

Marija, għax hija l-Omm naturali ta' Ġesù hija wkoll l-Omm spiritwali tagħna: Hija Omm Ġesù fiżikament, u hija Omm spiritwalment, mistikament. Ir-raġuni hija din: Għax Marija lil Ġesù nisslitu u wilditu u kabbritu mhux biss bħala persuna individwa, imma wkoll persuna universali: nisslitu u wilditu u kabbritu lil Ġesù bħala Messija, bħala Adam il-ġdid, bħala l-Feddej tagħna lkoll. Ġesù u aħna nifformaw ġisem wieħed, realta' waħda: nifformaw il-Knisja, nifformaw il-Ġisem Mistiku Tiegħu: Ġesù, ir-Ras, u aħna, l-membri l-oħra. Għalhekk, fl-istess ħin li Marija nisslet lil Ġesù, ir-Ras, nisslet ukoll lilna, l-membri. Għalhekk aħna l-ulied spiritwali ta' Marija, kif Ġesù stess għal darbtejn pubblikament hemm fuq il-Kalvarju, imsammar mas-Salib, esprima din il-verita' ħelwa u qawwija, meta qal lil Ġovanni, li kellu ħdejH bħala r-rappreżentant ta' l-umanita' mifdija: **"Ara, immok"**; waqt li qal lil Ommu: **"Mara, ara ibnek"** (9) Jifirħu l-anġli u jiftaħru għax Marija hija r-Reġina tagħhom u huma s-sudditi Tagħha. Kemm iżjed għandna għax nifirħu u niftaħru aħna, għax Marija Ommna u aħna wlied-Ha!

**Riferenzi:**

(1) **ara: Lhud** 4, 15.
(2) **Ġenesi** 3, 15.
(3) **Luqa** 1, 45.
(4) **Luqa** 2, 12.
(5) **Luqa** 2, 16.
(6) **Luqa** 1, 29.
(7) 4, 4-5.
(8) **Ġov.** 14, 9.
(9) **Ġov.** 19, 27

# IC-CENTINARJU TAL-MADONNA TA' PINU U L-KUNGRESS MARJOLOGIKU MARJAN

minn **DUN KARM BORG** *A/Direttur Ċentru Kulturali Marjan*

## ĠRAJJA SPEĊJALI

Avveniment speċjali li ser infakkru b'Ċelebrazzjonijiet Solenni matul is-sena 1983 huwa l-ġrajja tad-Dehra tal-Madonna ta' Pinu, waħda mill-ġrajjiet li jsebbħu l-istorja tal-Gżejjer tagħna.

Kien fit-22 ta' Ġunju, 1883, għall-ħabta tal-10.30 a.m., waqt li Karmni Grima, xebba ta' 45 sena mir-raħal tal-Għarb, kienet sejra mgħaġġla lejn darha wara li temmet ix-xogħol fl-egħlieqi tagħha; kif waslet quddiem il-mogħdija li kienet tieħu għal din il-Kappella magħrufa bħala "Ta' Pinu", il-Madonna sejħitilha "Ejja, ejja". Karmni ħabtet tibża' għax ma rat lil ħadd, iżda minnufih reġgħet semgħet is-sejħa "Ejja, ejja" għax ma terġax tiġi 'l hawn qabel sena oħra." Karmni malajr obdiet, daħlet fil-kappella u qalet xi talb. Imbagħad il-Madonna talbitha biex tgħid 3 Ave Marijiet f'ġieħ it-tlitt ijiem li ġisimha dam midfun fil-qabar. Karmni obdiet u wara marret ferħana lejn darha.

Fl-istess żmien, wieħed ġuvni mill-Għarb, ta' l-istess età ta' Karmni, Franġisk Portelli, kellu messaġġ minn għand il-Madonna u dan kien li jirreċita Missierna, Sliema u Glorja f'ġieħ il-Pjaga li Ġesù għamel fuq spalltu waqt li kien iġorr is-Salib lejn il-Kalvarju.

Meta xterdet ix-xniegħa ta' dawn id-dehriet, l-awtorità tal-Knisja eżaminat bir-reqqa lil dawn iż-żewġ persuni u ddikjarat li huma verament semgħu leħen il-Madonna. Minn dak in-nhar 'il quddiem, id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu baqgħet tikber u l-grazzji u l-għaj-nuniet smewwija li xerrdet il-Madonna minn dan il-post qaddis huma bla għadd.

## KUNGRESS MARJOLOĠIKU MARJAN

Biex it-tifkira ta' din il-ġrajja ssir kif jixraq tassew, minn snin lu bdew isiru l-preparazzjonijiet meħtieġa Fost l-attivitajiet li ser isiru għall-okkażjoni taċ-Ċentinarju u li nittamaw li jħallu ħafna frott huwa l-Kungress Marjoloġiku Marjan Internazzjonali li sejjer jinżamm f' Malta u Għawdex bejn id-9 u t-18 ta' Settembru, 1983. Wara li sar kuntatt mal-Akkademja Pontifiċja Marjana Internazzjonalli li għandha l-inkarigu mis-Santa Sede biex torganizza dawn il-Kungressi, fil-21 ta' Jannar, 1981, l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex għamlu t-talba tagħhom lill-Papa Ġwanni Pawlu II biex il-Kungress isir fil-Gżejjer Maltin: "Billi fl-1983 jaħbat l-Ewwel Ċentinarju tas-Santwarju Marjan ta' Pinu, u billi nafu bil-ġid pastorali li jħallu l-Kungressi Marjoloġiċi u Marjani Internazzjonali, ħsibna li tkun okkażjoni tajba li niċċelebraw il-Kungress Marjoloġiku Marjan li jmiss, fil-Provinċja Ekkleżjastika Maltija."

Fl-ittra tiegħu tat-12 ta' Marzu, 1981, il-Kardinal Agostino Casaroli nforma lill-Isqfijiet Maltin bir-risposta affermattiva tal-Papa: "Għandi l-pjaċir ngħarrfek li l-Q.T. il-Papa laqa' bil-ferna t-talba msemmija"...... u għalhekk "...Jiddikjara uffiċċjalment il-Belt Valletta u s-Santwarju Marjan Ta' Pinu fil-Għira ta' Għawdex bħala s-Sedi tad-IX Kungress Marjoloġiku Internazzjonali li ser isiru fl-1983".

Din l-aħbar ġiet mgħarrfa lill-poplu Malti u Għawdxi b'ittra pastorali tal-Isqfijiet Maltin tal-10 ta' April 1981. B'din l-ittra r-Ragħajja Spiritwali tagħna stiednu lill-Maltin u l-Għawdxin kollha biex jitolbu ħalli ż-żewġ Kungressi jkunu ta' tiġdid sħiħ spiritwali għal kulħadd.

Is-suġġett tal-Kungress Marjoloġiku huwa: "Id-Devozzjoni Marjana fis-Sekli XVII u XVIII" filwaqt li dak tal-Kungress Marjan huwa "Marija Omm tar-Rikonċiljazzjoni".

Fil-Kungress Marjoloġiku jieħdu sehem għadd ta' Soċjetajiet Marjoloġiċi Nazzjonali fosthom dawk tal-Kanada, tal-Kroazja, tal-Polonja, ta' Spanja, tal-Portugall, tal-Amerika u għadd ta' Universitajiet u Fakultajiet Ekkleżjastiċi. Il-Kungressisti ma jkunux biss Kattoliċi, għaliex dawn il-Kungressi, mill-Konċilju Vatikan II 'l hawn, dejjem kellhom sura ekumenika. Jieħdu sehem ukoll xi lajċi lli jinteressaw ruħhom fil-Marjoloġija. Huwa mistenni li jieħdu sehem numru sabiħ ta' speċjalisti fil-Marjoloġija u li għadd kbir ta' pellegrini minn diversi pajjiżi jieħdu sehem fil-Kungress Marjan.

## KUMITATI

Biex dawn iċ-Ċelebrazzjonijiet Kommemorattivi — u b'mod speċjali l-Kungress Marjoloġiku Marjan jirnexxu u jħallu l-frott mixtieq, twaqqfu diversi Kumitati fid-Djoċesi ta' Malta u f'dik ta' Għawdex li huma responsabbli għall-attivitajiet kollha konnessi maċ-Ċentinarju, u dawn qed jaħdmu f'koordinament bejniethom biex ix-xogħol isir b'aktar effiċjenza u b'aktar riżultati tajbin.

**Fl-20 ta' April, 1982, twaqqaf il-Kumitat Ċentrali b'rappreżentanza miż-żewġ djoċesijiet. Dan il-Kumitat għandu bħala President lill-Eċċ. Tiegħu Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Metropolita ta' Malta u bħala Viċi President lill-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol G. Cauchi, Isqof ta' Għawdex. L-ewwel laqgħa ta' dan il-Kumitat li għaliha attenda P. Paolo Melada O.F.M., President tal-Pont. Accademia Mariana Internazionale, saret fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu.**

Kemm f'Malta u kemm f'Għawdex twaqqfu diversi Sotto-Kummissjonijiet bil-għan li jorganizzaw attivitajiet għall-kategoriji, e.g. tfal, żgħażagħ, anzjani, morda, eċċ.

## THEJJIJA

L-attivitajiet ta' thejjija diġà bdew billi fl-1 ta' Ottubru, 1982, fiż-żewġ djoċesijiet ta' Malta u ta' Għawdex fetħet il-Missjoni Djoċesana Marjana. Minn dak in-nhar sal-lum diġà saru xi ċelebrazzjonijiet u attivitajiet oħra ta' thejjija. Hemm il-ħsieb li matul din is-sena jiġu ppubblikati xi kotba fosthom wieħed mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol G. Cauchi dwar: "Is-Santwarju ta' Pinu Ċentru ta' Pellegrinaġġi" u ieħor mill-Għaqda Storika Maltija dwar id-Devozzjoni Marjana f'Malta fis-sekli 17 u 18. Ser jiġu organizzati wkoll Wirja Marjana, Kunċerti Mużikali u attivitajiet kulturali oħra.

Dawn l-attivitajiet u ċelebrazzjonijiet reliġjużi u kulturali għandhom ikomplu sa meta f'Settembru 1983, isir l-għeluq ta' dawn il-festi Ċentinarji tal-Madonna ta' Pinu bil-Funzjonijiet lil jsiru fi tmiem il-Kungress Marjoloġiku Marjan.

L-għar tat-Twelid huwa maqsum f' diversi taqsimiet: ir-ritratt juri żewġ altari: wieħed mibni fuq il-post fejn twieled Ġesù l-ieħor mibni fuq il-maxtura fejn tqiegħed Ġesù.



# *A Christmas Carol*

by

**MAY PROBYN**

Lacking samite and sable,
Lacking silver and gold,
The Prince Jesus in the poor stable
Slept, and was three hours old.

As doves by the fair water,
Mary, not touched of sin,
Sat by Him, the King's daughter,
All glorious within.

A lily without one stain, a
Star where no spot hath room —
*Ave, gratia plena,*
*Virgo Virginum.*

Clad not in pearl-sewn vesture,
Clad not in cramoisie,
She hath hushed, she hath cradled to rest, her
God the first time on her knee.

Where is one to adore Him?
The ox hath dumbly confessed,
With the ass, meek kneeling before Him.
*"Et homo factus est."*

Not throned on ivory or cedar,
Not crowned with a Queen's crown,
At her breast it is Mary shall feed her
Maker, from Heaven come down.

The trees in Paradise blossom
Sudden, and its bells chime—
She giveth Him, held to her bosom,
Her immaculate milk the first time.

The night with wings of angles
Was alight, and its snow-packed ways
Sweet made (say the Evangels)
With the noise of their virelays.

*Quem vidistis, pastores?*
Why go ye feet unshod?
Wot ye within yon door is
Mary, the Mother of God?

No smoke of spice ascending
There — no roses are piled —
But, choicer than all balms blending,
There Mary hath kissed her Child.



**Il-Bażilika tat-Twelid ta' Ġesù minn ġewwa (sekluVI) mibnija fuq l-għar li fih twieled il-Feddej.**

**L-istella tal-fidda li tindika l-post tat-twelid ta' Ġesù.**





# Following Mary's example to live always in intimacy with Christ

*At Castel Gandolfo on Sunday, 8 August, John Paul II presided over a concelebration of Mass for two groups of young people, participants, respectively, in the 7th "Tendopoli Mariana" at the Sanctuary of Divine Love, and in the vocational school-camp of the Mercedarian Fathers at Nemi.*

*After the reading of the Gospel, John Paul II gave the following homily.*

Dearest young people!

1. Your "Seventh Tendopoli Mariana" has been transferred here this morning to Castel Gandolfo to celebrate the Eucharist with the Pope! If you have greatly desired this meeting, I too am very happy to receive you and to see you united with me around the altar. I greet all of you with deep affection, particularly the organizers and those in charge; and I express to you my pleasure both for the "Tendopoli" initiative which by now has been in exlstence for several years, and in which you participate so numerously and willingly, and for the theme you have studied: "The spirituality of Mary Most Holy in the lives of the

young", a study of great interest and giving rise to practical directives and efficacious resolutions.

Then I also extend cordial greetings to the promoters of the vocational school-camp, organized at Nemi by the Order of the Mercedarian Fathers, who have come here with you young people of the "Tendopoli".

## MARY IN GOD'S PLAN

2. Now I would like to enter the sphere of the theme which you have studied, in order to give you some suggestions for your lives in the light of the liturgical readings for this Sunday.

My first reflection arises almost spontaneously from the episode of the prophet Elijah, who, oppressed by a great moral weariness because of the obstacles, the dangers and the difficulties of his mission, flees into the desert, sits down under a broom tree; and asks that he might die: "It is enough; now, O Lord", he savs with anguish, "take away my life" But behold, an angel comes and, waking the prophet, shows him the miraculous bread and water and urges him to eat and drink: "Rise and eat, else the journey will be too great for you". (cf. 1 Kings 19:4-8).

Dearest young people! You, too, can have moments of weariness, disappointment, bitterness for the difficulties of life, for the defeats suffered, for the lack of help and models, for the loneliness which leads to a lack of confidence and depression, for the uncertainty of the future! Should you find yourselves in such situations, remember that the Lord, in the providential plan of creation and redemption, wished to place close to us Mary Most Holy, who like the angel in the case of the prophet, stands near us, helps us, exhorts us, indicates to us by her spirituality, where are the light and the strength to continue the journey through life. While still young, Father Maximilian Kolbe, already wrote in this vein to his mother from Rome: "How many times in my life, but especially in the most important moments, have I experienced the special protection of the Immaculate One...! In her I place all my trust for the future". (Gli scritti di Massimiliano Kolbe, Ed. Città di Vita, Vol. I, Page 31).

## MARY'S TOTAL INTIMACY WITH CHRIST

3. A second reflection arises from the characteristics of the "spirituality" of Mary, such as can be drawn from the liturgical readings:

— it is a spirituality of absolute and total adhesion to the "Word of God".

Mary, in the presence of the Archangel Gabriel, who announced to her that she had been chosen by God and that her specific and extraordinary vocation was to become the Mother of the Messiah, of the Saviour Jesus, accepted resolutely: "Behold, I am the handmaid of the Lord; let it be to me according to your word" (Lk 1:38). Similarly resolute and radical should also be your Christian faith in God who works everything in us! The words which we heard in the Gospel, strike home: "No one can come to me unless the Father who sent me draws him... Every one who has heard and learned from the Father comes to me." (Jn 6:44-45). There it is: to be able to know, to follow, to love Jesus Christ, is a special "call" of the Father: the saddest reaction is to refuse this call; the most logical and exalting position is to welcome the call with joy and gratitude, and to live it with full and complete

adherence, as did the Most Holy Mary. Strive always to be convinced and enlightened Christians ,overcoming the difficulties that render faith meritorious: always make your testimony credible!

— Mary's spirituality is one of total intimacy with Jesus: an organic intimacy which only the Mother can have, she who had given him physical life, in a marvellous and supernatural manner; an effective intimacy, because Jesus was her supreme and absolute love, from the annunciation to Calvary, from the Resurrection to her assumption into heaven; an apostolic intimacy, because she joined closely in the redemptive work of Christ and she still intercedes for all mankind. May such intimacy with Christ also be the fundamental characteristic of your lives, one which is achieved in an eminent and unique way in the Holy Eucharist. "I am the bread of life... I am the living bread which came down from heaven!" Jesus himself wished this mysterious and sublime intimacy with him by means of the Eucharist. This eucharistic intimacy is the principal means of attaining eternal life, which Christ promised to us: "If any one eats of this bread, he will live for ever; and the bread which I shall give for the life of the world is my flesh." "This is the bread which comes down from heaven, that a man may eat of it and not die!" (Jn 6:50-51).

I hope you will always live in this intimacy with Christ, following the example of Mary! May the ideal of your day or your week be Holy Communion!

— Finally a third characteristic of the spirituality of Mary Most Holy is her giving of herself: just as she gave herself completely to God and to Jesus, so she gave herself to the apostles and disciples ,to persons in need, to the Church in process of coming into being, for which she offered and continues to offer her hidden and powerful service. May it also be so with you: dedicate yourselves to charity! Where, unfortunately, there is hatred, let you bring love! As Saint Paul says in the Letter to the Ephesians: "Be kind to one anther, tenderhearted forgiving one anther... Walk in Love, as Christ loved us". (Eph 4:32; 5:2).

**PRAYER OF PAUL VI**

4. Dearest friends, I wish with all my heart that the spirituality of Mary Most Holy will accompany and inspire you throughout your lives! I do so in the words of Paul VI, whose death, four years ago, we are now commemorating. I shall repeat for you the words of a prayer of his: "To you, O Mary, the fountain of Life, we entrust the expectations of the young, who are restless in their search for a world more just and human, and we trustfully implore: guide their steps towards Christ, the firstborn of renewed humanity, so that in his light they may plan their endeavours and fulfil their hopes".

May my blessing be a constant pledge of these wishes!

Min m'għandux lil Marija bħala Ommu, m'għandux 'l Alla b'Missier. L-Iben ta' Alla jinkarna f'kull jum u f'kull ħin permezz ta' Ommu Marija.

*(S. Lwiġi M. ta' Montfort).*

**ŻEWĠ ĊENTENARJI LI QED JITFAKKRU SOLLENNEMENT DIN IS-SENA FID-DINJA KATTOLIKA HUMA T-800 SENA MIT-TWELID TA' SAN FRANĠISK U L-400 SENA MILL-MEWT TA' SANTA TEREŻA T'AVILA. JIXRAQ LI DAWN IŻ-ŻEWĠ QADDISIN KBAR JITFAKKRU ANKE FIR-RIVISTA TAGĦNA WAQT LI NARAW X'IMPORTANZA U X'POST KELLHA L-MADONNA FIL-ĦAJJA TA' DAWN IŻ-ŻEWĠ QADDISIN. DAN SER NAQRAW FIŻ-ŻEWĠ ARTIKLI LI ĠEJJIN MIKTUBA MINN M.F.B.**

# Eghluq it-800 sena mit-twelid ta' San Frangisk ta' Assisi (1182-1982)



S. FRANCESCO DI ASSISI

# MARIJA FIL-ĦAJJA TA' SAN FRANĠISK

Din is-sena l-Knisja ċċelebrat it-Tmien Ċentinarju mit-twelid tal-kbir Patrijarka San Franġisk ta' Assisi, wieħed mill-aktar qaddisin magħrufa mad-dinja kollha. San Franġisk mhux biss kien il-Fundatur tat-tlett fergħat tal-Franġiskani: il-Patrijiet Konventwali, il-Patrijiet ta' Ġieżu u l-Patrijiet Kapuċċini, tat-Tieni Ordni: is-Sorijiet Klarissi u tat-Terz Ordni Sekulari, li jħaddan fih tant Kongregazzjonijiet ta' Sorijiet, imma minħabba li lil Alla kien jarah fil-ħlejjaq kollha ta' madwaru, ġibed għal warajh anki lil dawk ta' reliġjonijiet oħra. F'dan il-perjodiku tal-Madonna naraw l-imħabba li dan il-Qaddis kellu lejn Sidtna Marija.

**Bħal Kristu fit-Twelid.**

Franġisku twieled fil-belt ta' Assisi fl-Umbria fl-Italja lejn tmiem is-sena 1181 jew fil-bidu tal-1182 minn Giovanna, imsejħa Madonna Pica miżżewġa lil Pietro Bernardone. Meta waslet biex tagħti t-tarbija lid-dinja Pica ħasset x'jimbuttha biex tinżel fil-maqjel taħt id-dar tagħha u hekk Franġisku twieled bħal Kristu fil-faqar fi stalla fejn missieru kien iżomm il-bhejjem tiegħu. Meta twieled, missieru kien fi Franza u ommu fil-magħmudija tatu l-isem ta' Ġwanni. Imma missieru meta ġie lura minn Franza, fejn kien mar għan-negozju tad-drappijiet, lil ibnu beda jsejjaħlu "Francesco" għal Franza.

Fil-jum tat-twelid tiegħu, pellegrin misterjuż li ħabbat fuq il-bieb tagħhom ħabbar kemm dik it-tarbija kellha tagħmel ġid meta tikber. Ommu, ta' mara twajba li kienet, għamlet ħilitha biex trawwem fih sa minn ċkunitu mħabba kbira lejn Alla u l-Madonna. Fl-iskola tal-parroċċa ta' San Ġorġ f'Assisi hu tgħallem jaqra u jikteb. Franġisku għalkemm ma kienx bniedem ta' skola kbira, studja xi ftit il-Franċiż, kien iħobb il-poeżija u kellu ġidba qawwija għall-mużika. Kellu wkoll memorja tajba, u din il-memorja għenitu biex jitgħallem ħafna minn dak li kien jaqra fuq ir-reliġjon nisranija.

**Bħal Kristu għażel il-Faqar**

F'żgħożitu, Franġisku ma kien jonqsu xejn, kellu kull ma xtaq. Kien jaħdem fil-ħanut tad-drappijiet ma' missieru u flus kellu kemm irid u ma kienx jibża' għalihom. Żgħażagħ tal-eta tiegħu kienu jixxalaw ħafna minn fuq dahru. Kien jiġbed fuqu l-attenzjoni taż-żgħażagħ l-oħra għaliex kien jilbes ilbies li jgħati filgħajn. Lilu kienu jarawh bħala mexxej tagħhom għaliex kien kapaċi jagħti ħajja lill-festi ta' daqq u kant li spiss kienu jiġu organizzati fi żmienu. Iżda għalkemm kien jħobb jixxala, Franġisku kien dejjem ta' mġieba tajba, nobbli fi kliemu u għemilu u ta' qalb kbira mal-foqra.

Franġisku ħabb ħafna l-Assisi belt twelidu. Għalhekk fis-sena 1202 tqabad fil-gwerra li kien hemm bejn Assisi u Perugia. Waqa' priġunier u fis-sena li għamel fil-ħabż fl-1204 marad fit-tul. Meta fieq mill-marda tiegħu fis-sena 1205 xtaq jilħaq kavallier u għalhekk telaq lejn il-Puglia fejn l-armata tal-Konti ta' Brienne kienet qed tikkumbatti kontra l-Germanizi. Imma huwa u sejjer reġa waqa' marid fi Spoleto. Hawn kellu ħolma li ġegħlitu jirrifletti ħafna; "X'inhu l-aħjar timxi wara l-Imgħallem jew wara l-qaddej? "Franġisku ma ddubitax liema kellha tkun l-għażla tiegħu. Imma ma kienx jaf x'kellu jgħamel.

Hawn beda għal Franġisku żmien ġdid u ntafa' f'ħajja ta' ġabra. F' għar fqajjar imbiegħed mill-ħsejjes tal-belt, talab minn għand Alla d-dawl biex jagħraf x'ried minnu. Kristu Msallab kellmu għall-ewwel darba u mlielu qalbu b'imħabba kbira lejn il-passjoni li Hu ġarrab f'ħajtu. Issa minflok ma jtajjar flusu f'xalar ma sħabu beda jqassam ħafna karita lill-fqar u jgħin lill-knejjes fqar ta' Assisi u lis-saċerdoti li kienu jieħdu ħsiebhom. Il-gost tiegħu li jmur jitlob fil-kappella ta' San Damjan. Kien f'din il-kappella li hu sama' leħen ġej mill-Kurċifiss imdendel fuq l-artal; Franġisku sewwili l-knisja tiegħi, li qegħda tiġġarraf". Mar lejn dar missieru qabad tgħabija drappijiet, biegħha Foligno u ħa l-flus lill-qassis ta' San Damjan. Dan ma riedx jaċċetta l-flus, iżda ħallieh joqgħod miegħu. Meta missieru sama' bil-biċċa, mar jiġri għalih u x'ħin hu ma riedx imur iddar, Pietru talbu jroddlu l-prezz ta' ħwejġu u biex jirrinunzja għal ġidu. Franġisku mhux biss irrinunzja għall-ġidu jżda wkoll taħ il-ħwejjeġ ta' fuqu. Libes xkora b'ħabel ma qaddu u kif ikanta Dante, Franġisku tgħarras mas-"Sinjura Poverta", ħaddan il-faqar.

**Għad-dell ta' Santa Marija ta' l-Anġli.**

Għall-bidu tas-sena 1206, Franġisku, ċert x'kellha tkun it-triq ta' ħajtu, libes libsa fqajra b'salib tad-drapp fuqha u hu li kien jixtieq ikun Kavallier tad-dinja, sejjaħ lilu nnifsu "Kavallier tar-Re l-Kbir". Għadda sentejn ta' ħajja iebsa, għalih waħdu fit-talb u l-penitenza. Hu għex ukoll jaqdi f'xi monasteri benedittini u għamel fihom il-ħidmiet l-iżjed umli. Kienu għadhom f'moħ-

ħu l-kelmiet tal-Kurċifiss li qallu "Sewwi l-Knisja tiegħi"; għalhekk huwa ntafa' biex isewwi l-ħsarat li kien fihom tliet knejjes żgħar ta' madwar Assisi: dawk ta' San Damjan, San Pietru u Santa Marija ta' l-Anġli, imsejħa Porzjunkola. F'din il-knisja għodwa waħda kien jisma' l-quddiesa meta l-qari tal-Vanġelu għamillu tant impressjoni. Kienu l-kelmiet li Kristu bihom ħabbar x' kellha tkun il-missjoni ta' l-appostli u l-ħajja ta' faqar li kellhom igħixu. (Matt 7, 19) Franġisku ħass li dawk il-kelmiet kienu jgħoddu għalih ukoll. Minn dak in-nhar, biddel il-libsa tiegħu: beda jilbes ċoqqa griża lewn l-irmied, tħażżem b'ħabel abjad u neża' ħafi. Bil-permess ta' l-Isqof ta' Assisi beda jippriedka l-Vanġelu fil-Knisja ta' S. Ġorġ; fuq il-kliem ta' Kristu ppriedka l-paċi u l-penitenza.

Imsaħħrin għal kliemu għorrief u nies sempliċi wrewh ix-xewqa li jaqsmu miegħu l-istess ħajja tiegħu. Fis-16 ta' April 1208 ngħaqdu miegħu Bernardu ta' Quintavalle wieħed mill-kbarat ta' Assisi u l-kanonku tal-Katidral u ġurista Pietru Cattaneo u ġimgħa wara ż-żagħżugħ fqajjar Egidju. Tul dik is-sena, kien hemm tmienja oħra li għażlu l-ħajja tiegħu. Wara li kitbilhom regula ta' perfezzjoni meħudha mill-Vanġelu, fis-sena 1209 ħadhom miegħu Ruma quddiem il-Papa Innocenz III biex jikseb l-approvazzjoni ta' dan l-Ordni ġdid. Wara ħolma fejn ra lil Franġisku qed iżomm il-Lateran approva r-Regula u tahom il-permess li jippritkaw. Marru lura lejn Assisi, sabu kenn ġo għarix f' Rivo Torto barra l-belt u ħadu l-isem ta' "Frati Minori". Wara xi żmien kisbu minn għand il-Benedittini l-knisja ta' Santa Marija ta' l-Anġli. li.

Hawn bnew kunvent ta' ftit ċelel. Mill-kunvent ir-Ras u l-Omm tal-Ordni kienu joħorġu tnejn tnejn jippritkaw. F'din il-knisja fis-sena 1212, San Franġisk libbes lil Kjara, l-oħtha Anjeże u xebbiet oħra ta' Assisi bil-libsa Franġiskana u ta' bidu għat-tieni Ordni (tas-Sorijiet tal-Klawsura) magħrufa bħala Klarissi.

Ħdejn din il-Knisja ta' Santa Marija ta' l-Anġli, li kien il-post l-aktar maħbub minn San Franġisk, huwa għadda l-aħħar ġranet ta' ħajtu ġo għarix żgħir. Hawn, mimdud fl-art, huwa miet fit-3 ta' Ottubru 1226, fl-età ta' 45 sena, ħu u jkanta innu lil "oħtu l-mewt" u jbierek liddixxipli miġburin madwaru u lil dawk tal-bogħod.

**Tifħir u Talb lill-Madonna**

Franġisku, imkebbes bl-imħabba ta' Kristu, kellu wkoll imħabba kbira għal Ommu Marija għaliex għamlet li jsir ħuna l-Mulej tal-glorja. Fiha wara Kristu qiegħed il-fiduċja, kollha tiegħu, taha qima bħala l-avukata tiegħu u ta' ħutu. Għall-ġieh tagħha hu kien iħobb ikanta tifħir imħeġġeġ, joffri talb ħerqan u jippritka b'mod li jqanqal il-qlub. Fl-ewwel ħajja ta' San Franġisk miktuba minn Tumas ta' Celano jgħidilna li San Franġisk kien jgħaddi ljieli fit-talb, "ifaħħar lil Alla u l-glorjuża Verġni Marija Ommu".

# IL-MADONNA FIL-HAJJA TA' SANTA TEREZA

**Għaddew erba' mitt sena mill-mewt ta' Santa Tereża l-Kbira, il-mara waħdanija Fundatriċi ta' Ordni reliġjuża ta' rġiel, l-ewwel mara Duttur tal-Knisja Universali, waħda mill-aktar nisa qaddisa u kittieba spiritwali ta' kull żmien. Jixraq li f'dan il-perjodiku tal-Madonna ngħidu xi ħaġa fuq l-imħabba u d-devozzjoni li kellha din il-qaddisa lejn il-Madonna.**

**Tfulija Nisranija ta' Tereza**

Santa Tereża twieldet mas-sebħ tat-28 ta' Marzu, 1515, u rċievet il-Magħmudija ġimgħa wara. Tereża kienet it-tielet tarbija ta' Alonso Sanchez de Cepeda u t-tieni mara tiegħu Beatrix da Ahumada. Skond l-użu taż-żmien li t-tfal jagħżlu l-kunjom tal-missier jew tal-omm, Tereża ħadet kunjom ommha, hekk li sa ma bdiet ir-Riforma tal-Karmelu, kienet magħrufa bħala Tereża de Ahumada y Cepeda. Imbagħad fl-isem li għażlet hija nnifisha, kellha tibqa' magħrufa mad-dinja kollha bħala Tereża ta' Ġesù.

Fit-tfulija nisranija ta' Tereża, insibu tliet ħwejjeġ li juru l-ħeġġa tal-karattru tagħha u l-ġibda tagħha lejn Alla u l-Madonna. L-ewwel ġrajja kienet dik tat-tfittxija tal-martirju, meta kienet għadha tifla żgħira tħobb tilgħab ma' ħuha Rodrigo. Tikteb Tereża fil-"Ħajja" tagħha: "Kelli wieħed minn ħuti kważi daqsi fiż-żmien. Konna naqraw flimkien il-ħajjiet tal-qaddisin; u kull meta kont naqra dwar il-martirju li sofrew għal Alla nisa qaddisa, kont naħseb li huma xtraw it-tgawdija ta' Alla tassew b'irħis. U kont nogħod nitħaddet ma' dan ħija kif stajna nsiru martri. Ftehemna li nitilqu lejn l-art tal-Mori ... sabiex hemm jaqtgħulna rasna." Meta ziju hom ħassrilhom kollox għax iltaqa' magħhom fit-triq li qabdu u reġġagħhom lura lejn id-dar. Tereża u Rodrigo sabu triq oħra kif ifittxu lil Alla. Tkompli tikteb il-Qaddisa: "Qtajnieha li nsiru eremiti u bdejna nibnu eremitaġġi mill-aħjar li konna nafu fil-ġnien li kellna mad-dar. Konna nagħmlu braġ ta' ġebel żgħir, u malajr kien jaqagħlna kollox; għalhekk, lanqas f'din il-ħaġa ma stajna naqtgħu x-xewqat tagħna." (Ħajja, 1, 4)

Meta kellha tlettax-il sena, Tereża tilfet lil ommha Beatrix, li kienet tħobbha ħafna. Tissokta tikteb il-qaddisa: "Meta bdejt nifhem x'kont tlift, fid-dieqa tiegħi mort quddiem xbieha tal-Madonna, u b'ħafna biki tlabtha biex tkun Hi omm għalija. Għalkemm dan għamiltu fis-sempliċità tiegħi, naħseb li swieli tassew ta' fejda; għaliex kull meta ntlaqt f'idejn din il-Verġni Sultana, dejjem sibt il-għajnuna tagħha: fl-aħħar żgur li kienet Hi li ġibditni lejha għal kollox." (Ħajja 1, 7).

Tereża żżid li kienet tħobb titlob kif għallmitha ommha u kienet tieħu gost tilgħab ta' soru ma' sħabha bniet. Hija wirtet minn għand ommha d-devozzjoni tagħha lejn il-Madonna. Hija tgħallmet minn għand ommha li ta' spiss tgħid ir-Rużarju u baqgħet devota lejn din it-talba ħajjitha kollha.

**Soru Karmelitana.**

Fi Spanja tas-seklu sittax, it-tfal setgħu jdumu lejn Alla kull ħin bix-xewqa tal-Ġenna u tal-ħwejjeġ tie-

għu, li ta' sikwit kienu jkellmuhom fuqhom. Imma Alla deher jiġbed lil Tereża lejn it-triq tas-sewwa u l-qdusija kmieni fil-ħajja. Għalhekk meta wasal iż-żmien li tagħżel l-istat ta' ħajjitha, Tereża għażlet li tidħol fl-Ordni ta' "L-Aħwa tal-Verġni Marija", biex minn ħdan l-Ordni Karmelitan tixrob dik l-imħabba speċjali li l-Ordni dejjem ħaddan sa mill-bidu ta' l-eżistenza tiegħu lejn l-Omm u l-Ġmiel tal-Karmelu.

Wara li ħalliet ruħha tiġi mirbuħa mill-frugħat taż-żgħożija, frugħat żgħar li bihom qatt ma offendiet lil Alla bi dnub, imma li ma ħallewhiex ħielsa biżżejjed biex timxi fit-triq tal-perfezzjoni, Tereża, ta' 21 sena, qatgħetha b'determinazzjoni sħiħa li trid taqdi lil Alla fil-ħajja reliġjuża. Minn ħafna monasteri ta' Avila għażlet il-monasteru Karmelitan tal-Inkarnazzjoni barra l-ħitan ta' Avila. Dan il-monasteru kien fih fuq il-140 soru u Tereża kienet midħla sewwa tiegħu billi ta' sikwit kienet iżżur lil waħda ħabiba tagħha, dona Juana Suarez, li kienet tħajjarha tħaddan bħalha l-ħajja Karmelitana.

F'dan il-monasteru ta' l-Inkarnazzjoni, wara li ħadet il-libsa karmelitana fit-2 ta' Novembru, 1536, Tereża għexet 27 sena qabel ma bdiet ir-Riforma tal-Karmelu. Tereża tistqarr li saret tħobb il-ħajja reliġjuża dejjem aktar: "Il-ferħ li ħassejt fil-ħin tad-dħul tiegħi fil-ħajja reliġjuża kien hekk kbir li sal-lum qatt ma naqas fija. Alla tassew li biddel in-nixfa ta' ruħi fi ħlewwa li tgħaxxaq." (Ħajja 4, 2). Bdiet tant tinġibed għall-ħajja ta' talb fis-skiet u l-ġabra, illi bdiet tara kif tagħmel biex tħajjar lil kull min kienet tkellem ħalli jibda jitħarreġ fl-orazzjoni.

Minħabba d-doni kbar li Alla żejjinha bihom, Tereża bdiet dejjem aktar issir ċentru u tfittxija minnies ta' Avila.

**Ir-Riforma tal-Ordni.**

Wara li bdiet iġġarrab il-ħlewwa ta' Alla f'taħdidiet u viżjonijiet tassew kbar, Tereża kienet lesta biex tibda r-Riforma ta' l-Ordni Karmelitan, li minn soru fost tant oħrajn, kellha tagħmilha waħda mill-aktar qaddisin magħrufa fl-istorja tal-Knisja, il-waħdanija li saret Fundatriċi ta' Ordni reliġjuż ta' rġiel, hekk li jistħoqqilha t-titlu speċjali ta' Omm il-Karmelu mġedded.

Naqraw fil-ħajja tagħha li Tereża għamlet il-fehma li tibda tgħix il-vokazzjoni Karmelitana tagħha bl-akbar perfezzjoni li setgħet. Imma l-qagħda fil-monasteru tal-Inkarnazzjoni ma kenitx ambjent tajjeb għal dan il-għan, hekk li f'taħdita li kellha ma' xi sorijiet u tfajliet, fosthom kuġinitha Maria de Ocampo ħarġet bl-ideja li jitwaqqaf monasteru ta' riforma skalza, riforma aktar stretta bħalma daġà kien seħħ fost il-Franġiskani.

Dan il-ħsieb ta' riforma baqa' jħammem f'moħħ Santa Tereża sa ma sar deċiżjoni wara l-laqgħat li kellha ma' Patri Pietru d'Alcantra u wara li Kristu nnifsu ordnalha għal ħafna drabi. Hija sabet tfixkil ta' l-għaġeb f'dan il-ħsieb tagħha, hekk li l-qaddisa kellha titħabat biex kollox isir fil-moħbi sa ma rċeviet minn Ruma l-"Breve" li jagħtiha l-permess biex tibda r-Riforma.

Kien f'dan iż-żmien ta' qtigħ il-qalb li, wara li l-qaddisa kellha l-viżjoni ta' l-infern li ħalliet effetti kbar f'ruħha, Tereża kellha viżjoni tal-Madonna u San Ġużepp, li wegħduha li huma nfushom kellhom iħarsu l-opra tar-Riforma li kienet sejra tibda. Kien sewwa sew nhar il-festa ta' Santa Marija, 15 ta' Awissu, 1561, meta Tereża, fil-waqt li kienet fil-knisja dumnikana ta' San Tumas, tal-belt ta' Avila, kellha waħda mill-aqwa dehriet kbar minn għand il-Madonna u fiha dehret biċ-

ċar l-intimità li kien hemm bejniethom. Il-Qaddisa tistqarr li rat lill-Madonna flimkien ma' San Ġużepp ilibbsuha libsa bajda u ma' għonqha dendlulha ġiżirana tad-deheb l-aktar sabiħa u li kellha mdendel magħha salib ta' siwi kbir. Marija f'din il-viżjoni qaltilha li kienet kuntenta ħafna bil-qima li kellha lejn l-Għarus tagħha. Qaltilha li **setgħet tibqa' żgura li dak li kienet** qed tfittex li twettaq dwar il-monasteru ġdid kellu jseħħ u bħala sinjal ta' dan Hija tatha l-ġiżirana bis-salib tad-deheb. Aktar tard meta spjegat din id-dehra, Santa Tereża qalet li bil-libsa l-bajda riedet turiha li ġiet maħsula mid-difetti kollha **tagħha u ruħha tinsab bajda** bħas-silġ quddiem Alla.

Il-ħsieb prinċipali tagħha meta bdiet ir-riforma ta' l-Ordni kien, **fost affarijiet oħra, "li tkun ta' ser**vizz lejn Alla u ta' unur għal-libsa tal-Verġni Marija", il-Labtu tal-Karmelu. Għaliha r-regola kienet dik ta' Sidtna Marija tal-Karmnu. Ma kienx għalxejn meta f'waħda mid-dehriet li kellha, il-qaddisa qalet li Kristu rringrazzjaha għal dak li għamlet għall-qima ta' Ommu Marija.

F'viżjoni oħra li kellha darb'oħra waqt il-kant tas-Salve Regina rat il-Madonna tieħu postha bħala superjura tal-kunvent fejn Santa Tereża kienet prijura; u kliem Sidtna Marija kien: "Jiena nibqa' dejjem magħkom u noffri lil Ibni Ġesù t-talb li tagħmlu".

**Mal-Knisja u għall-Knisja.**

Quddiem din il-wegħda tal-Madonna lil Santa Tereża ta' Avila, kif iwissina l-Papa fl-ittra li bagħat fl-okkażjoni tar-raba' Ċentinarju mill-mewt tagħha, li ġrat fil-15 ta' Ottubru, 1582, **fuq it-twissijiet tal-Qad**disa fil-ktieb tagħha "It-Triq tal-Perfezzjoni", nitolbu mal-Knisja, għall-Knisja u l-Ġerarkija Mqaddsa biex il-Mulej iħares il-Knisja tiegħu u l-Mexxejja tagħha u joħroġhom rebbieħa fuq is-setgħat tal-ħażen.

---

Il-Konċilju Vatikan it-Tieni jsemmilna t-tliet sisien tal-Kult Marjan, jew ir-raġunijiet ewlenin li għalhom tingħata qima lill-Madonna:

"Marija, għax Omm Imqaddsa t'Alla, li ħadet sehem fil-misteri ta' Kristu, bil-grazzja t'Alla mgħollija, wara l-Iben, fuq l-anġli u l-bnedmin kollha, tiġi mill-Knisja ġustament onorata b'qima speċjali".

Fir-reliġjon tagħna, il-qima tingħata lil xi persuna għax ikun aqwa mill-oħrajn fil-ħajja spiritwali tagħha u fil-qdusija. Marija bħala Omm t'Alla u mimlija bil-grazzja, tgħaddi fid-dinjita tagħha lill-ħlejjaq kollha u tiqrob lejn il-Ħallieq wisq iżjed minn qaddis ieħor.

(L-E.T. Mons. Isqof N. Cauchi: "Il-Qima lejn Sidtna Marija".)

# KRONAKA TAS-SANTWARJU



**SETTEMBRU** *(ikompli)*

24. Fl-okkażjoni tas-sena tal-anzjani, il-M.N.P.N. ta' Għawdex organizza pellegrinaġġ għall-anzjani għas-Santwarju ta' Pinu.

**OTTUBRU**

1. Bħala thejjija għall-Kungressi Internazzjonali li ser jinżammu f'pajjiżna fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju tad-Dehra tal-Madonna ta' Pinu, fl-1 ta' Ottubru sar il-ftuħ tal-Missjoni Djoċesana Marjana. F'din l-okkażjoni sar pellegrinaġġ djoċesan għall-Katidral, u dan tmexxa mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, Isqof t'Għawdex. Fi tmiem il-pellegrinaġġ saret Konċelebrazzjoni fil-Katidral li tmexxiet ukoll minn Mons. Isqof. F' din l-okkażjoni ,Mons. Isqof qara l-ittra li l-Qdusija Tiegħu l-Papa **bagħat lill-Isqfijiet** Maltin fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-Missjoni Djoċesana. Fl-ittra tiegħu, il-Papa ħeġġeġ **lill-Maltin biex jiġġed**du spiritwalment u biex ipoġġu ruħhom taħt il-protezzjoni smewwija tal-Omm ta' Alla.

2. Peress li kien l-ewwel Sibt tax-xahar, il-Fergħa Ewkaristika organizzat bħas-soltu siegħa adorazzjoni u quddiesa għall-membri tagħha.

7. Pellegrinaġġ mil-Le Spigolatrici della Chiesa. Qaddes għalihom fil-Kappella tal-Madonna, Dun Karm Hili.

17. Ftuħ tas-Sena Soċjali tal-Azzjoni Kattolika. **Mit-3.00 p.m. sat-3.30 p.m. saret** nofs siegħa adorazzjoni li fiha sar ukoll messaġġ mill-President Ġenerali Djoċesan tal Azzjoni Kattolika, is-Sur Richard Ellis. Wara, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni flimkien mal-Assistenti **Ekkleżjastiċi** tal-Azzjoni Kattolika. Fl-omelija tiegħu, Mons. Isqof tkellem dwar l-importanza tas-sehem li kull membru tal-Azzjoni Kattolika għandu jagħti lill-Knisja. Huwa kompla jgħid li kull membru veru ta' din l-Għaqda għandu jpoġġi l-ħajja tiegħu fuq żewġ sisien qawwija: it-Talb u l-Ħidma. Dawn għandhom ikunu t-tnejn flimkien. Huwa tkellem ukoll fuq l-importanza tat-tagħlim li kull bniedem għandu bżonn f'kull fażi tal-ħajja tiegħu minn meta jkun tifel ċkejken sa meta jixjieħ.

22. Kif sar f'Malta, hekk ukoll f'Għawdex, illum fil-parroċċi kollha saret Ċelebrazzjoni Marjana għat-tfal bis-suġġett: "Ma' Marija **Missjunarji ta' Kristu**". Din l-attività **għat-tfal saret bi** thejjija għall-Ġurna-

ta Missjunarja li ħabtet f'din is-sena ta' Ċelebrazzjonijiet speċjali Marjani.

28. Illum bdiet titqassam "Bookmark" littfal kollha li jattendu għall-Katekiżmu fiċ-Ċentri tad-Duttrina. Dan il-"bookmark" li jġib x-xbieha tal-Madonna ta' Pinu, fih ukoll talba lill-Madonna li t-tfal huma mħeġġa biex igħidu kuljum. Fih ukoll dati storiċi marbuta mal-ġrajjiet prinċipali ta' l-istorja tas-Santwarju u tad-Dehra tal-Madonna ta' Pinu.

31. Fis-Santwarju ta' Pinu saret Funzjoni Marjana għat-tfal tan-Nadur. Dun Salv Muscat mexxa din il-Funzjoni li fiha kienet tinkludi wkoll it-tberik ritwali tat-tfal.

## NOVEMBRU

6. Il-Fergħa Ewkaristika organizzat siegħa adorazzjoni u quddiesa għall-membri tagħha.

7. Fis-Santwarju tal-Madonna saret Funzjoni għall-membri tal-Azzjoni Kattolika. Numru sabiħ ta' membri ħa sehem f'din il-funzjoni li saret għalihom.

17. Patri Ġorġ Zammit OFM Conv. mexxa Ċelebrazzjoni Ewkaristika għall-membri ta' l-Azzjoni Kattolika tal-Fergħa Nisa. Numru sabiħ ta' nisa minn diversi parroċċi t'Għawdex ħa sehem.

25. Fl-okkażjoni ta Jum ir-Radd il-Ħajr, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni fis-Santwarju ta' Pinu. Fl-omelija tiegħu, Mons. Isqof tkellem dwar id-dmir li għandu kull bniedem li jrodd ħajr lil Alla. Huwa qal li f'kull żmien — ta' ferħ jew ta' niket — għandna nroddu ħajr lil Alla.

27. Saret laqgħa għat-tfal li matul is-sena l-oħra rċivew is-sagrament tal-Griżma tal-Isqof. Qaddes għalihom Mons. Isqof Cauchi li fl-omelija tiegħu ħeġġiġhom biex fil-ħajja futura tagħhom ipoġġu fil-prattika dak li huma tgħallmu fil-klassijiet tad-Duttrina. F'din l-okkażjoni tqassam lil dawk li kienu preżenti l-ktieb ippreparat apposta mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof "X'Għadek tiftakar mill-Katekiżmu?" Dan il-ktieb iservi mhux biss għal waqt il - lezzjonijiet tad-duttrina, immà wkoll biex wieħed ikun jista' jagħmel "refresher course" tal-prinċipji li jkun tgħallem fi tfulitu.

Illum ukoll il-Kumitat tal-M.L.P. organizza quddiesa b'suffraġju ta' ruħ l-ex Ministru Danny Cremona. Qaddes il-Kan. Dun Ġorġ Farrugia.

---

It-tlugħ ta' Marija bir-ruħ u l-ġisem fis-sema jinsab fir-rakkonti storiċi. Hu l-fidi tal-Knisja li, bid-dawl ta' l-Ispirtu s-Santu, ta d-dinjità ta' Marija — Omm u Verġni.

*(M.A. Enard).*

Il-qawwa ma tista' qatt tonqos lil Marija, għax hi r-Reġina tas-smewwiet.

*(S. Bernard).*

# GRAZZI MADONNA.... GHAX SMAJTNI!

## GHAWDEX:

Carmela Borg; Tereża Portelli; Rita Debrincat; Saverio Galea; Joseph Portelli; Dolindo Vella; Loreta Xerri; Francis Camilleri; Rina Grech; Rose Vella; Tony Bajada; Josephine Saliba; M'Ġwann Grima; Loreto Sultana; Christine Cassar; Ġuża Cini; Violet Gauci; Toni Calleja; Maria Gauci; Patricia Saliba; Maria Apap; Rita Caruana; A. Apap; Anna Zammit; Miriam Sultana; Ġużeppa Caruana; Marinton Meylak; M'Anne Micallef; Margaret Muscat; Maria Vella; Maria Saliba; Grezzju Camilleri; Franġisk Saliba; Michael Pace; Michael Sultana; Ġolina Tabone; Jane Tabone; Rita Tabone; Maria Portelli; Nancy Bonello; Carmela Azzopardi; Karmnu Xerri; Maria Formosa; Margaret Azzopardi; Natalie Camilleri; Martha Camilleri; M'Assunta Vella; Emmanuel Dalli; Carmela Stellini; Michael Vella; Anġlu Pace; Tony Vella; John Cini; Marista Mercieca; Ġużeppa Gauci; Ġorġ Borg; Ġorġ Galea; Salvu Sammut; Sunta Camilleri; Joseph Sultana; Maria Debrincat; Mary Sammut; Catherine Buttigieg; Coronato Sultana; Annetta Grima; Maria Mercieca; Franġisk Buttigieg.

Carmelo Camilleri; Raymond Galea; Rose Said; Josephine Cassar; Carmela Said; Loretu Attard; Rita Muscat; Josephine Cauchi; Michael Grima; Frank Attard; Karmnu Theuma; Tereża Muscat; M'Angelo Camilleri; Carmela Cini; M'Anni Mizzi; Ġużeppa Gauci; Ġużeppa Cordina; Rita Theuma; Victor Borg; Maria Borg; Maria Grima; Maria Buttigieg; Salvina Muscat; Ġanna Sacco; Pawla Muscat; Antoinette Attard; Ġanna Xuereb; Ġuża Cauchi; Joseph Sammut; Mariam Grech; Maria Cardona; Ġuża Buttigieg; Loreta Buttigieg; Annunziata Portelli; Josephine Buhagiar; Fr. S. Grima; Maria Pisani; Josephine Gauci; Karistu Gauci; Antonia Grech; Grace Cassar; Carmela Azzopardi; Charlie Xuereb; Elizabeth Vella; Peter Muscat; Carmen Bugeja; Maria Muscat; Maria Cauchi; Frances Bugeja; Matilde Mercieca; Salvu Azzopardi.

Pawlu Hili; John Vella; Pauline Grima; Joyce Pace; Rita Farrugia; Mary Azzopardi; Clementa Grech; Claire Parnis; Maria Cassar; Ġolina Mintoff; Pawla Mercieca; Rose Micallef; Coronata Grima; Leli Theuma; Ġanni Vella; Loreto Xuereb; Jessie Bajada; Can. Joe Meyjak; Tessie Spiteri; Tedda Zammit; Ġorġa Zammit; Carmela Debrincat; Gerardo Cassar; Ġanna Debrincat; Gerardo Cassar; Ġanna Debrincat; M'Therese Attard.

## MALTA:

Mary Cachia; Rita Mangion; Carmen Vella; Josette Mangion; Ġorġ Azzopardi; Mikelina Mifsud; Carmel Apap; Franco Cassar; Agnes Ungaro; Alfred Saliba; Ġina Debono; Ġ. Azzopardi; Ġ. Schembri; Mary Zammit; Pinu Camilleri; Carmen Meli; Anthony Pace; Maria Vella; Bernardette Camilleri; Michael Grech; Doris Buhagiar; Agnes Falzon; Grace Galea; Mariella Ellul Bonnici; Manwel Hili; Żarenu Xerri; Joe Vella; Tereża Portelli; Tereża

Buttigieg; Doris Portelli; Emma Mangion; Grace Pace; Carmela Azzopardi; Raymond Cutajar; Joseph Borg; Antonia Borg; Anne Gatt; Rita Sultana; Ġuża Bugeja; Carmen Caruana; Nazzarena Titley; Maria Spiteri; Charmaine Harney; Ġina Borg.

Carmen Pace; Sunta Muscat; Paul Schembri; Joe Mifsud; Francis Vassallo; A. Xuereb; Monica Sullivan; Arthur Borg; Albert Cardona; Joseph Axiak; Anna Maria Galea; Victoria Galea; Paoline Vella; Carmela Buttigieg; Helen Zammit; Carmen Libreri; Patrick Zringo; Maria Magro; Ray Bugeja.

### AWSTRALJA:

Cecilia Sciberras; Mary Vella; Tessie Vella; Victoria Farrugia; Tedia Galea; Vicky Vella; R. Debrincat; Phillis Micallef; Ġemma Muscat; Anna Grima; Joe Rapa; Ġina Calleja; Vicky Said; Andrew Zahra; Mary Bonanno; Randu Camilleri; Francis Mifsud; Ġuża Mercieca; Michael Vella; Rita Saliba; Josephine Zerafa; John Saliba; M'Ġwann Gauci; Elija Galea; Maria Galea; S. Said; Carmen Debrincat; L. Sciberras; Teresa Aquilina; Claire Parnis; Elisabeth Naudi; Carmen Falzon; Tedia Zammit; Joseph Said.

### U.S.A.

**Carmela Borg; Ġorġa Attard; Salvina Borg; Ley Vella; Maria Borg; Sonya Ga-** lea; Fortunato Fava; Maria Attard.

### CANADA:

Carmen Abela; Oreste Mizzi; Charlie Portelli; Mary Portelli; Maria Buttigieg; Anthony Theuma.

### INGILTERRA

Tereża Mary Lewis; John Harte; John Mizzi; Ġuża Cini; M. Coblaugh.

## ŻWIĠIJIET LI SARU FIS-SANTWARJU

Joe Formosa mill-Għasri u M'Anne Portelli minn Victoria; Joseph Cauchi mill-Għarb u Carmen Cauchi mill-Għarb; Anthony Briffa minn Valletta u Sylvia Azzopardi minn Kerċem; Adrian Camilleri u Rose Muscat min-Nadur; Joseph Attard mix-Xewkija u Josephine Cauchi; Teddie Grech minn Victoria u Mary Muscat min-Nadur; Louis Vella mill-Għarb u Maria Sultana mix-Xagħra; Carmel Vella u Rita Zerafa minn Għajnsielem; Ġorġ Borg minn Fontana u Angela Farrugia min-Nadur; Anthony Muscat min-Nadur u Ġorġina Cassar minn Victoria; John Portelli min-Nadur u Anna Maria Tabone minn Kerċem.

## MAGĦMUDIJIET LI SARU FIS-SANTWARJU

**Kim Said bin Ġorġ u Tedia nee' Cordina minn Victoria; Michael Said bin Anthony u Mary nee' Calleja min-Nadur; Simon Camilleri bin Simon u Bernardette nee' Grech; Rashida sheikh bint Turab u M' Ann nee' Mifsud; Loretta Vella bint Karmenu u M'Rose nee' Cassar minn San Lawrenz.**

## PREŻENTAZZJONIJIET TA' TRABI LILL-MADONNA TA' PINU

Charles Louis Mercieca — Xewkija; Joseph Haber — Għ'sielem; Nadin Borg Camilleri — St. Venera; Joyce Debrincat — Kerċem; Malvina Sultana — Xagħra; Mariosa Galea — Nadur; Marissa Cuschieri — B'Kara; Anette Grima — Nadur; Janette Camilleri — Victoria; Jason Galea — New York; Neil Galea — New York; Nancy Buttigieg — Nadur; Joseph Gauci — Xagħra; Alexander Degabriele — San Ġwann; Leanne

Ve'la — Xewkija; Nicholas Cini — Żebbuġ; Vicky Cini — Australia; Emmanuel Paul Schembri — St. Paul; Maria Pia Schembri — St. Paul; Chantell Marie Fava — Mosta; M'Louise Galea — Siġġiewi; Mariella Farrugia — Xagħra; Debora Agius — Xagħra; Francene Agius — Xagħra; Edmond Formosa — Victoria; Andrew Grima — Għarb; Stephen, Joseph, Maria, Daniela Bartolo — Xagħra; Mark Cachia — Fgura; Tanya Vella — Mġarr, Malta; John Falzon — Australia; Mario Azzopardi — Munxar; Julian Portelli — Nadur; Paul Anthony & Saviour Tony Attard — Nadur; Vanessa Camilleri — Nadur; Michelle Camilleri — Nadur; Andrew Galea — Nadur: Mario Portelli — Nadur; Francis Paul Camilleri — Nadur; Anġlu Vella — Nadur; Janet Said — Nadur; Margaret Said — Nadur; Noel Cremona — Nadur; Joyce Cremona — Nadur; John Paul Azzopardi — Nadur; Emanda & Guanita Attard — Nadur; Noel Buttigieg — Nadur; Dorian Cremona — Nadur; Jason Camilleri — Nadur; Louise Clare Vella — Nadur; Angelo Vella — Nadur; Annette & Joseph Said — Nadur; Sharlene Bonello — Canada; Nevil Camilleri — Nadur; Janet Xuereb — Nadur; Liza Mari Darmenia — B'Kara; Marlene Tabone — Għasri; Sharlene Rapa — Xewkija.



# MARIJA FIL-ĦAJJA TIEGĦI (2)

Jien C. Galea minn Għajnsielem niftakar li darba fi żmien il-gwerra tal-1939/1945, il-Kappillan Dun Franġisk Mizzi kien għamel wegħda li meta tintemm il-gwerra jorganizza pellegrinaġġ bil-Madonna ta' Loretu għas-Santwarju tal-Kunċizzjoni tal-Qala u lura bil-mixi.

Meta spiċċat il-gwerra dan il-pellegrinaġġ sar kif kien għamel il-wegħda il-Kappillan Mizzi. Il-Ħadd ta' wara ġiet xebba mill-Qala tħabbat fuq il-bieb taddar tagħna, u jien staqsejtha xi trid. Imbagħad staqsietni Dun Ġużepp Galea kienx joqgħod hawn. Jien għidtilha: iva. U kompliet tgħidli kif meta kien għaddej il-pellegrinaġġ bil-Madonna ta' Loretu, ommha, li kien ilha sentejn ma timxi, talbet lill-Madonna biex tagħtiha s-saħħa. Din ix-xebba tgħid li ommha minn dak in-nhar reġgħet ħadet is-saħħa u bdiet timxi. Imbagħad talbet lil ħija Dun Ġużepp biex jagħtiha 50 santa tal-Madonna ta' Loretu biex tqassamhom b'ringrazzjament.

# HAIL MARY!



Mary is the Mother of the faithful, because she has co-operated with her Son in forming the children of God and of the Church.

**St. Augustine**

*The holy Virgin does not stand in need of either power or wish to aid us. Can the Son of God refuse to honour His Mother: Who can doubt the charity (love) of Mary towards man? Has she not for nine months borne in her womb Him who is charity itself in essence?*

**St. Bernard**

**Mary co-operates in our redemption and in our justification; God has placed in her hands the treasure of all His graces; and she distriutes them faithfully.**

**St. Bernardine**

Like Mary we must be loving, sweet, and patient with those who cause us any unhappiness, and, laying our head unrestrained and unshamed tears on our Lord's bosom, let us think quietly of God and Heaven.

**F.W. Faber**

*The Lord is all powerful, that is why thou art all mighty through the Almighty with the Almighty.*

**St. Bonaventure**

**Behold the Virgin of Virgins; it is from her virginal womb that the tru' light of the world, the eternal salvation and redemption of the human race came forth.**

**St. Peter Celestine**

# WARDA LIL MADONNA

KULL ABBONAMENT HUWA WARDA LIL MADONNA.
AKTAR ABBONAMENTI: AKTAR WARD LIL MADONNA.
L-ABBONAMENTI HUMA TURIJA TA' QIMA LIL MADONNA.



**Iġbor Abbonati**

**Għar-Rivista**

**"Madonna ta' Pinu"**

- XERRED DEJJEM L-ISTAMPA T-TAJBA
- ĦAJJAR LILL-OĦRAJN JAQRAW LETTERATURA MARJANA.
- TRID TOFFRI RIGAL UTLI LIL ĦABIBEK? ABBONAH FIR-REVISTA "MADONNA TA' PINU".

Ibgħat l-indirizzi ta' l-abbonati l-ġodda lil:

Amministratur,
"Madonna Ta' Pinu",
Ċentru Kulturali Marjan,
Ta' Pinu — Għawdex.



IS-SANTWARJU TA' PINU MIBNI WARA LI L-MADONNA KELLMET LIL KARMNI GRIMA.

*"Il-Verġni Marija li mit-tħabbira tal-Anġlu laqgħet f'qalbha u f'ġisimha l-Verb t'Alla u ġabet il-ħajja lid-dinja, hu magħrufa u unurata bħala vera omm ta' Alla u tar-Redentur. Hi stess meħlusa b'mod sublimi, in vista tal-merti ta' Binha u Miegħu marbuta minn rabta iebsa li ma tinħallx, hi mgħonija b'uffiċċju l-aktar għoli u bid-dinjità ta' Omm tal-Iben t'Alla, u għalhekk bint maħbuba tal-Missier u tempju tal-Ispirtu s-Santu: u li minħabba dan id-don tal-grazzja l-aktar għolja tisboq b'mod kbir lill-kreaturi l-oħra kollha fis-sema u fl-art. Hi madankollu marbuta flimkien mar-razza ta' Adam mal-bnedmin kollha fi ħtieġa tal-fidwa, anzi hi "tassew omm tal-membri (ta' Kristu) ...għaliex ikkooperat bl-imħabba għat-twelid tal-fidili tal-Knisja, li ta' dak ir-Ras huma membri". Għal dan hi magħrufa wkoll bħala l-membru singulari u ewlenija tal-Knisja u figura tagħha u mudell l-aktar perfett ta' fidi u ta' karità, u l-Knisja Kattolika, mgħallma mill-Ispirtu s-Santu bl-imħabba ta' pietà ta' bint tiveneraha bħala Omm l-aktar maħbuba".*

*(Mill-Kostituzzjoni Dommatika "Lumen Gentium")*

[redacted]